

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5781 – Total Holdings Europe S.A.S./ERG SPA/JV)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 103/06)

1. Fl-14 ta' April 2010 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha Total Italia Spa. ("Total Italia", l-Italja) ikkontrollata b'mod sħiħ minn Total Holdings Europe S.A.S. ("Total", France, kollettivament "Total group") u ERG Petroli Spa. ("EGP", l-Italja) propjeta' sħiħa ta' ERG Spa. ("ERG", l-Italja, kollettivament ERG Group), jakkwistaw fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, kontroll konġunt ta' JV CO, impriża konġunta ġdida li ħarġet mill-għaqda ta' bejn EGP u Total Italia.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma:

- għal Total: produzzjoni taż-żejt u tal-gass naturali, raffinar u bejgħ ta' prodotti taż-żejt, petrokimiċi u kimiċi ta' speċjalità,
- għal ERG: ipproċessar u bejgħ ta' prodotti tal-pitrolju, produzzjoni u bejgħ ta' saħħa termoelettrika, fwar u gass, produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinovabbli,
- għal JV CO: raffinar u bejgħ ta' prodotti tal-pitrolju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5781 – Total Holdings Europe S.A.S./ERG SPA/JV, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").